**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 226/2020 AF**

**Vladimir Stepanov**

**vs**

**Bernard Attard u Maria Theresa Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Vladimir Stepanov, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent kien interessat li jidhol fis-settur tal-proprjetà u ghal dan il-ghan irrikorra ghall-ghajnuna ta' Bernard Attard (K.I. nru. 0580191(M)). Attard, imbaghad, inkoragixxa lir-rikorrent sabiex jidhol ukoll fis-settur ta' *second-hand*

*automotive importation*. Ghal dan il-ghan, il-partijiet dahlu azzjonisti f'zewg kumpanniji.

Gara però illi mbaghad irrizulta illi l-intimat Bernard Attard, bl-ghajnuna ta' ommu Maria Theresa Attard, ukoll intimata (li serviet ta' accessorja ghall-frodi kommess), immizaproprja l-flejjes moghtija lilu mar-rikorrenti, u jew ma utilizzahomx ghall-iskop li lilu gew moghtija, u dan taht kappa u skema ta' dokumenti falsifikati u promessi foloz. Fit-13 ta' Jannar 2020, l-intimat Bernard Attard irrikonoxxa dan kollu u obbliga illi jaghti l-flejjes lura huwa. Izda sal-lum, Vladimir Stepanov dawn il-flejjes ghadu ma rcevihomx. Is-somma promossa f'din il-kawza ma tinkludix il-profitt promess, li l-esponenti jirriserva li jippromwova f'azzjoni ulterjuri.

Dan id-dejn ghalhekk huwa cert, likwidu u wiehed li ghalaq, hekk kif mistenni mill-artikolu 167(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sa fejn r-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba.

Ghaldaqstant, huma pjenament sodisfatti r-rekwiziti imposti mill-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Vladimir Stepanov jikkonferma u jiddikjara illi jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent s-somma ta' sitt mija sitta u disghin elf u mitejn u ghaxar Ewro (€696,210), li jirrapprezentaw is-somma dovuta lill-esponent.

Bl-imghax legali fuq is-somma dovuta, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, inkluz tal-mandat ta' sekwestru prezentat digà, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li Bernard Attard ammetta t-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta limitatment fil-konfront ta' Bernard Attard, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Bernard Attard ihallas lil Vladimir Stepanov is-somma ta' sitt mija sitta u disghin elf u mitejn u ghaxar Ewro (€696,210), bl-imghax u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

Il-kawza titkompla fil-konfront ta' Maria Teresa Attard.

L-ispejjez sa issa jithallsu minn Bernard Attard.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull investigazzjoni li jidhirlu xierqa.

IMHALLEF

DEP/REG